MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tat-12 ta' Gunju, 2007

Talba Numru. 2821/2002

**Dingli Co. International Limited bhala mandatrci tas-socjeta’ estera The performing Rights Society Limited ta’ Londra**

**vs**

**P&S Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas ta’ mija sebgha u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u sebghin centezmu (LM127.71) rapprezentanti bilanc in kwantu ghal mija u hdax Lira Maltin u hames centezmu (LM111.05) ‘Royalty’ dovuta bil-quddiem in konnessjoni mas-socjeta’ attrici a favur tas-socjeta’ konvenuta rigwardanti l-istabbiliment ‘Palzzo Santa Rosa’ San Pawl il-Bahar u sitaxx Lira Maltin u sitta u sittin centezmu (LM16.66) VAT, ghal perjodu mis-6 ta’ Gunju, 2002 sal-5 ta’ Gunju, 2003.

Bl-imghaxijiet kummercjali dovuti fuq is-somma mitluba mid-data tal-iskadenza relattiva sall-hlas effettiv, kif ukoll l-ispejjez tal-Avviz, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tal-31 ta' Awissu, 2002 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposat sollevata mis-socjeta' konvenuta li tghid illi s-socjeta' attrici ghandha ggib il-prova tat-titolu li qed tivvanta u l-licenzji relattivi sabiex topera fil-gurisdizzjoni ta' Malta.

Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont pretiz huwa ezagerat.

Salv eccezzonijiet ulterjuri.

Bl-Ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

Mill-atti tal-kawza jidher illi t-tribunal diversament presjedut issospenda dawn il-proceduri sabiex il-konvenut ikun jista' jipproponi l-azzjoni opportun quddiem Qorti kompetenti sabiex ikolu provediment dwar *collecting societies,* bhal ma tippretendi li hi s-socjeta' attrici. Tali provvediment huwa ta' ordni pubblika u ntiza li tirregola dawn il-*collecting societies.*

Illi fil-mori tal-kawza kienet istitwita quddiem l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-ligi li tirregola id-Drittijiet tal-Awtur tbiddlet, u l-organu kompetenti ghall-licenzjar tal-*collecting societies* sar il-Bord Dwar id-Drittijiet tal-Awtur. Illi permezz ta' decizjoni finali tal-15 ta' Frar, 2007 is-socjeta' attrici giet approvata bhala *collecting society* u t-Tariffi taghha debitament approvati anke ghal finijet tal-Att Dwar id-Drittijiet tal-Awtur u l-Avvizi Legali konnessi maghha.

Illi dan it-Tribunal fid-9 ta' Marzu, 2007 ordna ir-riappuntament ghall-kontinwazzjoni tas-smiegh tal-kawza ghal-24 ta'Mejju, 2007 b'notifika lill-kontroparti.

Illi l-partijiet gew debitament notifikati bir-riappuntament fit-23 ta' Marzu, 2007.

Illi s-socjeta' konvenuta baqghet ma dehritx ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal ghalkemm debitament notifikata.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mill-PL Josette Attard fl-24 ta' Mejju, 2007 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi skond il-Ligi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------